MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Numru. 91/2010

**IL-PULIZIJA
(Supretendent Martin Sammut u Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**CHRISTOPHER SAID ta’ 40 sena bin Michael u Lucy nee’ Grech, imwieled Victoria (Ghawdex) nhar il-10 ta’ Lulju 1970, residenti fil-fond numru 19, Triq tal-Hanaq, Nadur u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 18970(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Christopher Said gie akkuzat talli nhar il-14 ta’ April 2009, gewwa Ghawdex ta xhieda falza f’materja civili.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-24 ta’ Settembru 2010 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

**IL-LIGI**.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-ispergur a tenur tal-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali.u cioe’ bir-reat hekk imsejjah *judicial jew legal perjury*. Dana jipotizza t-tehid ta’ gurament falz fil-kors ta’ kawza pendenti quddiem Qorti. L-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi l-elementi li jsawru r-reat tal-ispergur huma identici ghaz zewg istanzi. X’inhuma ghalhekk l-elementi legali li huma necessarji sabiex tista’ tinstab htija ghal dana r-reat?

**L-artikolu 106 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta’ spergur fi proceduri civili u cioe’ l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz. Illi ma hemmx dubbju illi f’dina l-kawza lill-imputat qed jigi addebitat lilu r-reat li huwa inkwadrat fis-subinciz wiehed ta’ dana l-artikolu tal-ligi, peress illi l-Avukat Said kien biss xhud f’kawza civili pendenti bejn il-parti leza Anthony Xuereb u Helen Milligan, kawza dwar il-kustodja ta’ binhom minuri Tyrell.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura tal-affidavit li issa saret parti mil-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:
"*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero*."

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:
"*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bizogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. …. Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza*."[1]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li isawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioe':

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

"(i) *a testimony given in a cause*.
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.
(iii) *Falsity of such testimony in a material particular*.
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*."

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo ighid:

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif ighidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' " *l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*."[2]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinanti ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo ighid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or*

[2] Capitolo XIX Delitti Contro l'amministrazione della giustizia.

*false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*.” Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : “*Perche’ sussista la falsa testimonianza … e’ necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***<u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>***.” (sottolinjar tal-Qorti).

L-istess ighid l-Antolisei:
“*Affinche’ possa farsi luogo alla punizione, per noi e’ necessario che la falsita’ sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l’attivita’ giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che’ e stato comesso abbia la possibilita’ di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita’ di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita’ giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita’ che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l’oggetto a cui si riferiscono* ***<u>non hanno alcuna possibilita’ di turbare il corso dell’attivita’ giudiziaria</u>***.” (sottolinjar tal-Qorti). [3]

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista’ tkun inveritjiera ma tista’ qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli il-Mamo: “*All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court*.”

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l’hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament.

---

[3] Ibid.

Ikompli l-Mamo: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted*."

L-istess ighid l-Antolisei:
"*Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica*."

Il-Maino ukoll isostni:
"*L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire*** *o* ***di nascondere la verita****. … Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze."*[4]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawn l-elementi surreferiti fid-dawl tal-provi akkwiziti f'dana l-process penali.

## **<u>Il-PROVI</u>**

[4] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.

Illi x-xhieda li qed tigi issindikata f'dina l-vertenza hija dik moghtija mill-imputat f'kawza civili pendenti bejn il-parti leza Anthony Xuereb u Helen Milligan, xhieda li nghatat fis-seduta tal-14 ta' April 2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, kif ippresjeduta mill-Magistrat Anthony Ellul. Illi qabel ma dina l-Qorti tidhol sabiex tezamina x-xhieda moghtija mill-imputat, hija ser tghaddi sabiex taghti retroxxena ghal dak li wassal lill-imputat jissejjah sabiex jiddeponi f'dina l-kawza.

Illi jirrizulta mill-atti illi l-koppja Anthony Xuereb u Helen Milligan kellhom tarbija barra z-zwieg u dana ghal habta ta' Dicembru 2006. Xi ftit gimghat wara t-twelid ta' dina t-tarbija inqala' disgwid bejn il-koppja fejn Helen Milligan spiccat barra d-dar fejn kienet tirrisjedi ma' Xuereb, izda t-tarbija baqghet mal-missier. Milligan ghalhekk hasset illi Xuereb kien qieghed icahhadha minn binha u wriet preokkupazzjoni serja ghal dana l-istat ta' fatt, iktar u iktar meta tghid illi hija kienet ghadha qed tredda dina t-tarbija. Bhal kwalunkwe omm ghalhekk hija kienet fi stat panikuz minhabba li ma kenitx qed tara lil binha, tarbija ta' ftit gimghat, u ghalhekk fittxet l-assistenza legali ghand l-imputat li f'dak il-perijodu kien avukat prattikanti fil-Qrati ta' Ghawdex. L-imputat hejja rikors bl-urgenza u pprezentah il-Qorti sabiex it-tarbija tigi ritornata lil omm minnufih.[5] Dana sehh fit-18 ta' Jannar 2007. Gara izda illi l-Magistrat li kien tal-ghassa f'dak il-jum kien il-Magistrat Micallef Trigona. Peress illi r-roster tieghu tal-ghassa kien ser jintemm proprju f'dana l-jum, ghalhekk il-Magistrat ordna n-notifika lil Xuereb u inghatalu zmien jipprezenta r-risposta tieghu u appunta r-rikors ghas-smigh ghal madwar tlett gimghat wara u precisament ghas-7 ta' Frar 2007, meta huwa kien ser jerga' jkun Ghawdex. Illi l-imputat isostni illi l-klijenta tieghu gharrfitu illi hija ma setatx tistenna ghal dana z-zmien kollu tenut kont tal-fatt illi binha kien ghadu tarbija ta' ftit gimghat u fittxet il-parir tal-avukat taghha ghal rimedju iehor. Kien hawn illi l-imputat issuggerielha illi jirtiraw dana r-rikors u jipprezentaw iehor identiku l-ghada meta imbaghad kien

[5] Ara rikors numru 6/2007ATM Dokument MD1 a fol.64 et seq.

tal-ghassa il-Magistrat Paul Coppini. Dana sehh fid-19 ta' Jannar 2007.[6] Proprju fl-istess gurnata l-Magistrat ta digriet provvizorju u dana minghajr ma sema lill-partijiet, fejn ordna illi t-tarbija tghaddi f'idejn l-omm u appunta r-rikors ghas-smigh ghat-23 ta' Jannar 2007. Hekk kif Xuereb mar il-Qorti sabiex jipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors numru 6/2007, huwa gie infurmat illi dana r-rikors kien gie irtirat, li kien sar iehor u li kien inghata digriet provvizorju fuq l-istess. Xuereb hawnhekk ma hax gost b'dan u ghalhekk filwaqt illi r-risposta li kellu f'idejh talabhom jinseruha fl-atti tar-rikors il-gdid irrikorra ghand il-legali tieghu ghal parir. L-avukat tieghu tah parir sabiex jaghmlu rikors ghall-ftuh tal-Qorti bl-urgenza sabiex jigi mismugh mill-Magistrat qabel ma t-tifel jittiehed mill-kustodja tieghu u fil-fatt dina t-talba giet milqugha u r-rikors gie mismugh mill-Magistrat proprju fl-istess jum fil-ghaxija fis-7:30p.m. Jidher illi ghal dina s-seduta kienet presenti Helen Milligan assistita mill-avukat taghha u cioe' mill-imputat u Anthony Xuereb assistit mill-avukati tieghu. Jidher illi saret seduta twila quddiem il-Magistrat fejn kulhadd esprima l-lanjanzi tieghu u abbazi ta' dak li sema', il-Magistrat iddekreta r-rikors ta' Milligan u cioe' dak bin-numru 7/2007 fejn xorta wahda ordna illi t-tarbija tkun fil-kustodja tal-omm, b'hinijiet tal-access favur il-missier fejn il-missier kien ser ikollu access kuljum ghal ibnu, u gew nominati social workers u psikjatra sabiex jevalwa s-sitwazzjoni familjari bejn dina l-koppja u dana fl-ahjar interess tal-minuri.[7]

Wara dawn il-proceduri inizjali bdiet saga shiha ta' rikorsi bejn il-partijiet, sahansitra fuq l-icken affarijiet, xi kultant trivjali, minn fejn johrog bic-car illi dawn il-genituri ma setghux isibu qbil bejniethom fuq xejn ghar-rigward ta' binhom. – kwistjonijiet li jvarjaw bejn talbiet ghal manteniment, talbiet minn Milligan sabiex issiefer lejn l-Ingilterra flimkien ma' binha, kwistjoni anke dwar it-tilqim li kellu jiehu l-minuri u affarjiet ohra. Jidher illi wara xi zmien, dina Milligan ma xtaqitx tibqa' ippatrocinata mill-imputat u ghalhekk fittxet l-assistenza ta' avukat iehor u minn hawn

[6] Ara rikors numru 7/2007PC Dokument MD2 a fol.69 et seq
[7] Ara digriet a fol.79 u 80

ghalhekk l-imputat tilef kull kuntatt ma' dina l-koppja u hareg 'il barra minn dina l-kawza kombattuta ghall-ahhar bejniethom.

Illi sussegwentement ghal dawn il-proceduri u peress illi l-process ta' medjazzjoni bejn dina l-koppja falla, gew istitwiti l-proceduri civili permezz tal-kawza numru 10/2008AE fl-ismijiet Helen Milligan vs Anthony sive Tony Xuereb. Fl-14 ta' April 2009, l-imputat gie imsejjah sabiex jaghti x-xhieda tieghu f'dina l-kawza.

Illi l-parti leza u cioe' Anthony Xuereb allega illi f'parti mid-deposizzjoni tal-imputat huwa xehed il-falz meta qal:
"**With regards to the first application the court had set a sitting, an urgent sitting, I remember it was late in the evening, and after having heard submissions of the parties and their counsel, the court decided that the baby had to be returned to my client**." (lx-xhieda hija bil-lingwa Ingliza peress illi l-proceduri fil-kawza kienu qed isiru bl-Ingliz billi Milligan kienet ta' nazzjonalita Ingliza).

Illi abbazi ta' dina d-deposizzjoni, Xuereb ghalhekk ipprezenta kwerela lill-pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat ghal spergur.[8] Illi jidher illi peress illi l-pulizija ezekuttiva fuq parir tal-Avukat Generali hasset illi ma kienx hemm lok sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat u dana wara investigazzjoni li saret minn naha taghha, Xuereb ressaq challenge kontra l-Kummissarju tal-Pulizija fil-Qorti tal-Magistrati a tenur tal-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, liema challenge imstemghet mill-Magistrat Anthony Ellul fejn b'digriet tal-20 ta' Awissu 2010 cahad it-talba tal-istess Xuereb.[9] Xuereb imbaghad ressaq appell minn dina d-decizjoni, u inghata digriet iehor mill-Qorti Kriminali fit-23 ta' Settembru 2010 fejn hemmhekk il-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat sabiex jiehu passi kriminali kontra l-imputat ghal spergur u abbazi tal-istess gew istitwiti l-proceduri odjerni.[10]

[8] Ara kwerela Dokument MS1 a fol.23 et.seq.
[9] Ara Dokument a fol.50 sa 54 tal-process.
[10] Ara Dokument MS5 a fol.55 sa 58.

Illi dina l-Qorti ghalhekk hija imsejha tezamina jekk ix-xhieda moghtija mill-imputat tammontax ghal spergur o meno skond il-ligi penali. Illi qabel xejn jinghad illi l-ewwel zewg elementi legali rikjesti mil-ligi ghal dana r-reat kif elenkati iktar 'il fuq huma sodisfatti billi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien qieghed jixhed taht gurament lilu moghti f'kawza civili quddiem qorti tal-gustizzja.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex minnufih tezamina jekk madanakollu jezistux l-ahhar zewg elementi li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputat. Kif gie sottolinjat iktar 'il fuq **ix-xhieda trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza**. Illi qabel xejn irid jigi precizat illi dina l-kawza giet deciza fil-prim'istanza fil-25 ta' Gunju 2010,[11] liema sentenza hija llum pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Illi l-kwerelant jallega illi meta l-imputat stqarr illi l-ewwel applikazzjoni maghmula minnu ghan-nom tal-klijenta tieghu giet mismugha f'seduta li saret tard fil-ghaxija fejn wara illi l-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet hija iddeciediet illi it-tarbija tigi ritornata lil Milligan, dina hija xhieda falza u dana jallega huwa ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-applikazzjoni ma kenitx l-ewwel wahda maghmula minn Milligan billi l-imputat kien diga ressaq applikazzjoni ohra qabel u l-istess giet irtirata minnu l-ghada.
2. Illi m'huwiex minnu illi l-Magistrat iddecieda li jghaddi it-tarbija lill- omm wara s-seduta ta' fil-ghaxija fejn kien sema' lill-partijiet peress illi t-tarbija kienet diga nghatat lill-omm fid-digriet provvizorju li kien inghata fil-ghodu minghajr ma huwa kellu l-opportunita' jressaq ir-risposta tieghu u ghalhekk minghajr ma l-Qorti semghet lilu bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.
3. Illi fil-fatt meta l-Magistrat taha id-digriet fil-ghaxija t-tarbija kienet diga tinstab f'idejn l-omm.

---

[11] Ara Dokument JG2 a fol.214 et seq.

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva illi sabiex jigi evalwat jekk ix-xhieda moghtija mill-imputat hijiex wahda inveritjiera jew falza fuq xi element determinanti ghall-ezitu tal-kawza pendenti bejn il-partijiet dina ghandha tittiehed fil-kuntest kollu li nghatat. Illi l-Avukat Christopher Said kien qieghed jaghti x-xhieda tieghu b'mod generiku minghajr ma kien qieghed jaghti xi dettalji specifici dwar l-iter processwali kollu. Isemmi kif inbdew il-proceduri bejn il-partijiet, ir-rikorsi in generali li saru bejniethom, il-process ta' medjazzjoni u fuq kollox jixhed dwar it-talbiet li kienu saru minn Milligan biex tkun tista' issiefer lejn l-Ingilterra flimkien ma' binha. Fil-kors ta' dina x-xhieda li ma tixhetx wisq dawl fuq il-kawza bejn il-partijiet hlief li semplicement telenka fatti li setghu jirrizultaw facilment mill-process tal-kawza u d-dokumenti li kien hemm fih, l-imputat isemmi l-ewwel udjenza li kienet saret bejn il-partijiet tard fil-ghaxija fejn il-Magistrat kien taha decizjoni preliminari dwar il-kustodja u l-access. Ma hemm assolutament xejn f'dina x-xhieda li remotament wiehed jista' ighid li fiha xi haga inveritjiera, lanqas illi x-xhud ma kienx korrett. Fil-fehma umli ta' dina l-Qorti dak kollu mistqarr mill-imputat fil-kors tax-xhieda tieghu kien korrett. Huwa minnu illi l-imputat ma jsemmix dak li sehh qabel dina l-udjenza ta' filghaxija, izda ma hemmx dubbju illi fix-xhieda tieghu l-imputat ma isemmix diversi fatti ohra fl-iter processwali voluminuz li hemm bejn dina l-koppja! Illi l-imputat kien biss xhud f'dina l-kawza. Huwa kien qieghed iwiegeb ghal mistoqsijiet li kienu qed isirulu u xejn izjed. Lill-imputat sarlu kontro-ezami fl-istess xhieda mid-difensur ta' Xuereb. L-istess Xuereb isemmi fl-affidavit imressaq minnu dana n-nuqqas fix-xhieda tal-imputat tal-14 ta' April 2010, izda ma jidher minn imkien illi dana l-fatt kellu xi influwenza fuq id-decizjoni mehuda mill-gudikant tal-kawza pendenti bejn il-partijiet. Konferma ta' dana tesizti proprju fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-20 ta' Awissu 2010 moghti mill-istess gudikant illi iddecieda l-kawza pendenti bejn il-partijiet. Fid-digriet ighid testwalment:

"**Il-Magistrat sedenti kellu l-opportunita li jippresjedi fil-kawza civili in kwistjoni. Kawza li kienet titratta dwar min mill-partijiet kellu jinghata l-kura u kustodja ta' binhom Tyrell, hlas ta' manteniment u access. Il-Qorti m'ghandiex dubbju li dak li qal l-avukat Said fir-**

**rigward ta' kif imxiet il-Qorti tal-Familja meta Helen Milligan ipprezentat ir-rikors tad-19 ta' Jannar 2007, ma kienx materjali ghall-ezitu tal-kawza Helen Milligan vs Anthony Xuereb (Rikors 10/2008). Dan fis-sens li ma seta qatt jinfluwenza l-ezitu tal-kawza civili li kienet tittratta partikolarment il-kwistjoni dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel. Tant dan hu minnu li fis-sentenza l-Qorti lanqas biss ma rreferiet ghal dik il-parti tad-deposizzjoni fejn ir-rikorrent (b'referenza ghal Xuereb) jallega illi x-xhud xehed falz.**"

Dina l-Qorti ma ghandha ghalfejn tghid xejn izjed! Dana jista' jirrizulta ampjament jekk wiehed jezamina s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja (Dokument JG2) fejn il-Qorti ghamlet apprezzament studjat u dettaljat tal-fatti tal-kawza u wasslet ghal gudizzju taghha fl-ahjar interess tal-minuri. Ma hemmx dubbju illi x-xhieda tal-imputat bl-ebda mod ma influwenzat lil gudikant fid-decizjoni tieghu. Il-fatt illi l-imputat ma jsemmix ir-retroxena li wasslu sabiex jigi ipprezentat l-ewwel rikors fil-proceduri gudizzjarji bejn dina l-koppja ma kenitx materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza. Fuq kollox il-fatt illi l-imputat ma jsemmix dana l-fatt ma kienx ifisser illi xi haga kienet qed tigi mistura mill-gudikant stante illi l-fatti huma kollha dokumentati fl-atti tal-kawza, u dana kif jirrizulta mid-Dokumenti MD1 u MD2 ipprezentati f'dina l-kawza.

Illi finalment kif jirrizulta fis-sentenza tal-Qorti tal-Familja fil-kawza numru 10/2008 fl-ismijiet Helen Milligan vs Anthony Xuereb jirrizulta illi dak li wassal lil Qorti tiddeciedi li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-omm kienet l-attitudni ta' Xuereb li ma jaf jasal ghall-ebda kompromess, attitudni li l-Qorti tiddeskrivieha bhala attitudni negattiva li ma kenitx qed tirrifletti tajjeb fuq il-missier. Kien dana li wassal ghad-decizjoni tal-Qorti u mhux ix-xhieda moghtija mill-imputat fil-kawza!

Illi ghalhekk dana t-tielet element legali ghal sejbien ta' htija ghal dana r-reat ma jissussitix.

Illi ghalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawn fid-decizjoni taghha, madanakollu hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jigi ezonerat kompletament minn kwalunkwe htija u dana peress illi lanqas l-element intenzjonali u cioe' il *mens rea* ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ma gie ippruvat.

Illi jekk wiehed janalizza l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-kors tal-investigazzjoni[12] u x-xhieda moghtija minnu quddiem dina l-Qorti jirrizulta illi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni ulterjuri meta ma jixhidx dwar dak li sehh qabel l-udjenza ta' fil-ghaxija. Fix-xhieda tieghu huwa ighid testwalment:

"**Jekk immur lura lejn l-14 ta' April, jien ghalija, f'mohhi dak il-hin x'hin kont qed nixhed , fic-cirkostanzi li kont qed nixhed fihom ma kont qed nghid xejn li ma kienx korrett, ghaliex kont qed nixhed mill-memorja, kont qed nixhed … li kont qed niftakar dak in-nhar. .. Allura jiena kont qed nixhed dak li niftakar li gara. … Il-Qorti kellha quddiemha l-process, jigifieri fuq il-fatti li kienu fil-process ma kellix ghalfejn nelabora u nidhol fid-dettal ghax dawn huma affarijiet dokumentati illi ma ghandiex dubbju kienu parti mill-process. … Pero' nerga' insostni jiena kont qed nixhed mill-memorja u fil-mument li kont qed nixhed dawk huma l-fatti li jiena ftakart u ddeponejt fuqhom. Fuq dak li iddeponejt ma hemmx skorettezzi. L-iskorettezza li ssir referenza ghaliha hija il-fatt li jiena ma semmejtx xi haga li grat qabel. Issa kien hemm kull okkazzjoni dak in-nhar stess, sena u xahar sakemm inghatat is-sentenza, jigifieri u saru seduti ohra sakemm inghatat s-sentenza, setghu facilment jekk kien hemm xi haga, jitolbuni nerga' nitla' nixhed. … Pero' jien f'dak il-mument, dak li xehedt fuqu u dak il-bran li qed jigi imsemmi fil-kwerela, ma hemm xejn illi huwa skorrett. Li stajt naghmel stajt nelabora izjed, kif nerga' nghid kieku gejt imfakkar jew kieku xi hadd qalli, … ovvjament kont niftakar u nghid u naghti izjed dettalji.**"[13]

[12] Dokument MS3
[13] Ara xhieda ta'l-imputat a fols.176 sa 179 tal-process

Illi minn hawn johrog car x'kienet l-intenzjoni tal-imputat – intenzjoni illi jkun ta' assistenza ghall-partijiet bhala xhud u jwiegeb ghall-mistoqsijiet li kienu qed isirulu. Xejn iktar! Ma hemm l-ebda prova fl-atti processwali li tindika illi l-imputat intenzjonalment u malizzjozament naqas milli jsemmi l-fatti li wasslu ghall-bidu tal-proceduri bejn dina l-koppja. Ma hemm l-ebda raguni indikata fl-atti 'l ghala kellu jaghmel dana. Altrocche'! Mill-atti jirrizulta illi l-fatti kif imsemmija minn Xuereb fil-kwerela tieghu kollha jirrizultaw mill-atti processwali li kellha quddiemha l-Qorti fil-kawza civili u ghalhekk dana n-nuqqas da parti tal-Avukat Said ma seta' qatt jippregudikah bl-ebda mod.

Finalment il-Qorti tosserva illi dak li urta lil Anthony Xuereb il-kwerelant fil-kawza ma kienx daqstant ix-xhieda tal-imputat, izda l-fatt illi l-Qorti kienet tat digriet u cioe' id-digriet inizjali tad-19 ta' Jannar 2007 minghajr ma tah smiegh xieraq. Dana jghidu Xuereb stess fix-xhieda tieghu fejn ighid illi l-aggravju li sofra huwa li hareg digriet minghajr ma gie innotifikat.[14] Fil-fatt fuq dina l-lanjanza tieghu Xuereb sahansitra ressaq kawza kostituzzjonali fejn allega li ma kienx qed jinghata smigh xieraq mill-Qorti f'dina l-vertenza li kellu ma' Milligan. Il-Qorti Kostituzzjonali stqarret illi dana ma kienx minnu peress illi d-digriet originali ma kienx xi wiehed finali u li Xuereb kellu rimedji ohra ordinarji miftuha ghalih sabiex is-sitwazzjoni tigi rimedjata. Fil-fatt dana huwa rifless bin-numru sabih ta' rikorsi li gew wara. Ghaldaqstant l-imputat ma sofra l-ebda pregudizzju bl-ewwel digriet li inghata u cioe' id-digriet li kien digriet provizzorju u li kien ser jigi dekretat finalment wara illi l-Qorti kienet ser tisma' l-parti tieghu ukoll. Fil-fatt il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh u biddlet l-appuntament ghall-istess jum li fih inghata l-ewwel digriet fuq talba ghall-urgenza maghmula minn Xuereb stess. Tant hu minnu illi Xuereb ma sofra l-ebda pregudizzju illi fir-rikorsi u r-risposti li huwa jipprezenta fl-atti tar-rikors 7/2007PC huwa jiddeskrivi d-digriet tad-19 ta' Jannar 2007 u cioe' id-digriet li inghata fil-ghaxija mill-Magistrat Coppini bhala "il-kompromess/digriet tad-19 ta' Jannar" u jghid illi "xejn u hadd ma ghandu ibiddel dak illi

[14] Ara xhieda Anthony Xuereba fol.161

ftehmu il-partijiet dakinhar" Imbaghad iktar 'il quddiem fl-istess rikors ikompli: "Jekk Milligan trid tibdel il-kundizzjonijiet tal-ftehim u tad-digriet tad-19 ta' Jannar …"[15] Dana kollu jimplika allura illi d-digriet li inghata kameralment mill-Magistrat Coppini ma ippregudikax lil Xuereb peress illi fis-seduta ta' fil-ghaxija jidher illi wara diskussjoni fit-tul, il-Magistrat ta digriet iehor li kien ibbazat fuq dak illi l-partijiet ftiehmu bejniethom. Il-Qorti ghalhekk wisq inqas tista' tifhem 'il ghala l-imputat hass illi x-xhieda moghtija mill-Avukat Said setghet b'xi mod ippregudikatu fl-ezitu tal-kawza u li kif ighid huwa stess sofra xi aggravju!

Ghaldaqstant l-anqas ir-raba element legali li jsawwar dana r-reat ma jirrizulta ippruvat mill-atti processwali.

Finalment il-Qorti thoss illi ghandha tigbed l-attenzjoni tal-parti leza illi ma jistax jibqa juza s-sistema gudizzjarja sabiex jiehu xi forma ta' rivalsa kontra omm ibnu. Huwa jrid izomm quddiem ghajnejh l-ewwel u qabel kollox l-ahjar interess ta' ibnu minuri u certament dawn il-battalji legali kollha ma huma ser iwassluh imkien. Illi ghalkemm bhal kull cittadin iehor huwa ghandu d-dritt kostituzzjonali illi jirrikorri lejn il-Qrati tal-Gustizzja sabiex isib ir-rimedju ghal kwalunkwe ksur tad-drittijiet tieghu, madanakollu huwa ma ghandux jabbuza min-naha l-ohra mis-sistema u ghandu jara illi l-azzjonijiet li jittiehdu minnu quddiem il-qrati taghna huma kollha fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[15] Ara fol.121 tal-process fl-atti ta' rikors ipprezentat minn Anthony Xuereb fis-26 ta' Settembru 2007